MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 839/1997/1

**Il-Kurunell Eric Parnis f'ismu proprio u fl-istess hin bhala mandatarju tal-imsiefrin Alfred Parnis, Anne Parnis,**
**Dottor Francis Parnis, Eric Parnis, Claire Tait u Catherine Seaton; Sylvia Manduca; Elizabeth Parnis; il-Perit Roger Degiorgio; Maurice Degiorgio; u Emmendi Limited**

**v.**

**Saviour sive Silvio Cassar u martu Carmen Cassar**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi b'kuntratt datat 16 t'April 1980 konservat fl-atti tan-Nutar Dr George Cassar l-atturi kkoncedew versu u a favur il-konvenuti l-fond b'numru hamsa u tletin ittra A (35A) fi Triq l-Ordinanza, Valletta b'titolu ta' enfitewsi temporanja ghall-perjodu ta' hamsa u ghoxrin (25) sena bic-cens annwu ta' mija u tmenin Lira Maltija (Lm180) pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem b'effett mill-1 ta' Marzu 1977; illi l-konvenuti ilhom ma jhallsu c-cens dovut mill-30 ta' Mejju 1993 u ghalhekk ghandhom jghatu l-import ta' sittax-il skadenza li jammontaw ghal sebgha mija u ghoxrin Lira Maltija (Lm720); illi l-konvenuti gew interpellati jhallsu c-cens dovut izda baqghu inadempjenti; talbu ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. tittermina l-imsemmija koncessjoni enfitewtika tas-16 t'April 1980 kwindi tordna d-devoluzzjoni tal-fond koncess bil-benefikati li setghu saru favur l-atturi; 2. tiddikjara lill-konvenuti debituri tal-atturi fis-somma ta' sebgha mija u ghoxrin Lira Maltija (Lm720) dovuta bhala arretrati ta' cens fuq din il-koncessjoni ewfitewtika; 3. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu dan l-ammont oltre imghax legali sad-data tal-pagament effettiv; bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi, guramentata minn Eric Parnis, u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti illi permezz taghha eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante illi l-konvenuti dejjem kienu disposti li jissaldaw l-ammont dovut u fi kwalsiasi kaz, il-konvenuti ghandhom jinghataw l-opportunità li jissaldaw is-sitwazzjoni odjerna;
2. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, guramentata mill-konvenut Saviour Cassar, u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat is-sentenza tat-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Marzu, 2000 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili filwaqt illi cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, laqghet it-talbiet attrici bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali mid-dati ta’ l-iskadenzi rispettivi sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti, u dana wara illi kkunsidrat hekk:
“Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenuti naqsu li jhallsu c-cens annwu ta’ mija u tmenin lira Maltija (LM180), pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem, kollox skond kuntratt pubbliku datat 16 ta’ April 1980 (Dok. A) dovut ghall-fond 35A, Triq l-Ordinanza, Valletta mit-30 ta’ Mejju 1993, u cioè ghal sittax il-skadenza, li jammontaw komplessivament ghall-seba’ mija u ghoxrin lira Maltija (Lm720).

“Illi l-konvenuti ammettew li dawn l-iskadenzi ta’ cens ma thallsux ghalkemm skond huma dejjem kienu disposti li jhallsuhom, u wkoll inghat[at] raguni ta’ mard ghaliex ma thallsux.

“Illi però jirrizulta li din ma kienitx l-ewwel darba li l-konvenuti kienu moruzi fil-hlas ta’ cens, u fl-affidavit ta’ l-attur Eric Parnis, issemmew tlett kawzi li saru kontra l-konvenuti sabiex isir il-hlas ta’ cens mill-konvenuti, wahda minnhom giet ceduta, u l-ohrajn decizi u cioè *Parnis pro et noe vs Cassar* (Ceduta fid-9 ta’ Gunju 1992 - A.Nru. 610/92/NC); *Parnis pro et noe vs Cassar* (Dec. 14.05.1993 - A.Nru. 272/93/DS); *Parnis pro et nomine vs Cassar* (Dec. 27.10.1994 - A.Nru. 574/94/GC).

“Illi l-istess konvenuti sostnew li huma disposti li jhallsu l-istess ammonti, però x’qed izommhom milli jaghmlu dan huwa misteru, ghaliex lanqas jekk l-istess ma gewx accettati mill-atturi, (u dwar dan ma hemm prova ta’ xejn) l-istess ammont ta’ flus setghu facilment gew depozitati l-Qorti.

“Illi apparti dan jidher li saret ittra ufficcjali kontra l-istess konvenuti datata 3 ta’ Marzu 1997 (Dok. B) li giet debitament notifikata lill-konvenut fl-14 ta’ Marzu 1997

(fol. 31) u xorta l-istess konvenuti sallum ma hallsux l-istess ammont.

"Illi jigi nnutat ukoll li nonostante d-differimenti li nghataw minn din il-Qorti, ghal diversi ragunijiet, il-konvenuti xorta wahda baqghu inadempjenti, nonostante li l-kawza giet prezentata fis-17 ta' April 1997, l-Eccezzjonijiet gew ipprezentati fil-15 ta' Marzu 1998, u s-sentenza qed tinghata illum 23 ta' Marzu 2000, u ghalhekk certament il-konvenuti kellhom altru minn zmien bizzejjed sabiex jirregolarizzaw il-posizzjoni taghhom, però xorta wahda l-konvenuti baqaw ma ghamlu xejn, hlief iweghdu li ser ihallsu, u ovvjament jibqaw jiddekorru l-iskadenzi ta' hlas ta' cens ulterjuri wkoll ghal dak mitlub fic-citazzjoni attrici.

"Illi f'dan ir-rigward il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza taghha fl-ismijiet *Nicola Bonello vs Angelo Zahra et* tal-4 ta' Novembru 1999 (Citaz. Numru 2552/99/RCP) fejn jinghad illi:-

"*Illi ghalhekk ai termini tal-Artikolu 1517 tal-Kap 16 l-attur ghandu d-dritt jitlob ir-rexissjoni tal-kuntratt ta' cens …, nonostante l-fatt li fil-kuntratt ma hemmx disposizzjoni rizoluttiva.*

*Illi fi kwalunkwe kaz ai termini ta' l-Artikolu 1519(2) l-Qorti ghandha l-fakoltà li taghti lill-konvenuti zmien ragonevoli sabiex jithallsu tali arretrati ta' cens, liema zmien ghar-raguni gusta, jista' jigi estiz ghal darba ohra*".

"Illi l-Qorti thoss li fic-cirkostanzi tal-kaz, il-ko[n]venuti ma ghamlu l-ebda sforz minimu f'sitt snin cirka sabiex ihallsu d-debitu taghhom, u jissanaw ghall-gid taghhom is-sitwazzjoni, u dan huwa aktar gravi meta ilhom ghal zmien twil jigu interpellati sabiex ihallsu l-istess cens u di più infethu diversi kawzi kontra taghhom, u njoraw ghal kollox l-istess sitwazzjoni.

"Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess, il-Qorti thoss li f'din il-kawza, ma ghandhiex taghti din l-estensjoni ghall-*purgazzjoni della mora* li skond l-Artikolu 1519 hija fakoltattiva ghall-Qorti, u ghandha ghalhekk tigi ibbazata

fuq gustifikazzjonijiet li realment jirrizultaw mill-atti processwali, liema ragunijiet huma kompletament mankanti fil-kawza odjerna.

“Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu milqughha.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenuti illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu hekk:
“… li din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar, tikkancella u tirrevoka s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili datata 23 ta’ Marzu 2000 u tiehu dawk il-provvedimenti li hi jidrilha opportuni, fosthom illi tipprevigi [*sic*] terminu anke qasir sabiex l-appellanti jhallsu l-ammont minnhom dovut lill-appellati”;

Rat ir-risposta ta’ l-appellati illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi l-appell jigi michud u illi tigi konfermata s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenuti avanzaw aggravju wiehed biss kontra s-sentenza appellata, dak illi huma, fi kliem ir-rikors ta’ appell, “… jhossu illi l-ewwel Qorti <u>setghet</u> ezercitat id-diskrezzjoni taghha a tenur ta’ l-Artikolu 1519 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta” (sottolinear ta’ dina l-Qorti);

Kif jirrizulta mis-silta tas-sentenza appellata illi sejra issa tigi citata, ma hemm ebda dubbju illi l-ewwel Qorti <u>ezercitat</u> id-diskrezzjoni lilha moghtija bis-sahha ta’ dak illi jipprovdi l-Artikolu 1519 tal-Kodici Civili, senjatament is-subartikolu tnejn (2) tieghu:
“Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess, il-Qorti thoss li f’din il-kawza, ma ghandhiex taghti din l-estensjoni ghall-‘*purgazzjoni della mora*’ li skond l-**Artikolu 1519** [tal-Kodici Civili] <u>hija fakoltativa ghall-Qorti</u>, u ghandha

ghalhekk tigi ibbazata fuq gustifikazzjonijiet li realment jirrizultaw mill-atti processwali, <u>liema ragunijiet huma kompletament mankanti fil-kawza odjerna</u>" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Din il-Qorti, wara illi ezaminat il-provi kollha prodotti, taqbel perfettament mal-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti illi l-kaz in ezami ma jimmeritax l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 1519(2) tal-Kodici Civili;

Ghall-kompletezza, però, tajjeb illi jinghad illi din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' l-appellanti, maghmula fil-penultimu paragrafu tar-rikors ta' appell taghhom, illi l-konsiderazzjonijiet illi l-fond in kwistjoni huwa r-residenza ta' l-appellanti u illi huma ma ghandhomx residenza alternattiva "… jimmil[i]taw favur illi din l-Onorabbli Qorti tuza d-diskrezzjoni taghha moghtija mil-ligi sabiex tipprevigi [*recte*: tipprefiggi] lill-appellanti terminu sabiex ihallsu lill-appellati". F'dan ir-rigward japplika ghall-appellanti l-proverbju Taljan *chi è causa del suo mal pianga se stesso*;

Ikkunsidrat:

Illi l-appell interpost mill-konvenuti - intiz biss sabiex itawwal l-inevitabbli, jigifieri illi s-sentenza appellata tghaddi in gudikat - huwa ghal kollox frivolu u vessatorju u, ghalhekk, sejjer jittiehed l-infraskritt provvediment dwar l-ispejjez ta' din l-istanza;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata.

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenuti appellanti b'dan illi, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 223(5) tal-Kap. 12, il-konvenuti appellanti qeghdin jigu kundannati jhallsu spejjez doppji lill-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------